MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 1051/2000/1

**Avviz numru 1051/00DM**

**James u Edith konjugi Moore u b'digriet tat-22 ta' Frar 2001 stante l-mewt ta' l-attur James Moore l-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta' Bertha, John u Paul ahwa Magri**

**Vs**

**Joseph Farrugia u b'digriet tas-26 ta' Lulju 2001 gie kjamat in kawza Michaelang Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex jizgombra mill-ghalqa denominata "Ta' Ras il-Qortin" limiti Zurrieq, fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat lilhu u dan peress illi il-konvenut qed jokkupa l-

istess ghalqa bla titolu validu fil-ligi u dippju l-atturi ga' tawh id-debita kongedo.
Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Ottubru 1998 u l-ittra legali tat-30 ta' Gunju 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghall fini tal-kompetenza qed jigi dikjarat illi l-valur lokatizju huwa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) fis-sena

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Primarjament, l-konvenut la qatt kien u lanqas hu maghruf bhala Rosario u ghalhekk ismu kif indikat huwa zbaljat;
2 Bla pregudizzju ghas-suespost presentement, huwa ma jiddetjeni l-ebda ghalqa denominata "Ta Ras il-Qortin" limit taz-Zurrieq liema ghalqa pero kien jiddetjeni b'titolu ta' qbiela u flimkien mar-raba kollu li kellu kien, wara li kien debitament avza lis-sidien ta' dak iz-zmien, ghaddih u qasmu bejn uliedu u dan minhabba ragunijiet ta' sahha fil-bidu tas-snin 1970 ghal liema raguni huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-konvenuti.
3 Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Lulju, 2001, fejn giet ordnata korrezzjoni fl-avviz fejn jirreferi ghall-isem tal-konvenut sabiex dan jigi ndikat bhala Joseph Farrugia u fejn konsegwentement il-konvenut kien irtira l-ewwel (1) eccezzjoni minnu sollevata u ta' ruhu b'notifikat bl-avviz kif korrett.

Rat ukoll id-digriet taghha tas-26 ta' Lulju, 2001, fejn kienet akkordat il-kjamata fil-kawza ta' Michaelangelo Farrugia.

Rat il-verbal tal-21 ta' Frar 2002 fejn il-kjamat in kawza iddikjara illi l-kontestazzjoni tieghu tirrigwarda titolu ta' lokazzjoni u konsegwenti inkompetenza tal-Qorti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza fejn eccepixxa illi:

1 Primarjament ma hux minnu dak allegat fl-att tac-citazzjoni stante illi l-esponenti jiddetjeni l-ghalqa mertu tal-kawza b'titolu validu ta' qbiela;
2 Subordinarjament u konsegwenza ta' l-ewwel eccezzjoni n-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante illi hija kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera;
3 Salv eccezzjonijiet ohra
4 Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tat-18 ta' Gunju 2003 fejn l-konvenut u l-kjamat in kawza jiddikjaraw illi huma mhumiex qed jikkontestaw it-titolu tal-atturi bhala sidien.

Semghet il-provi li gew prodotti;

Rat id-dokumenti kollha esibiti komprizi l-affidavits ipprezentati mill-kontendenti;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza u rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Fis-seduta tat-18 ta' Gunju, 2003, il-konvenut u l-kjamat fil-kawza ddikjaraw illi huma mhumiex qeghdin jikkontestaw it-titolu tal-atturi bhala sidien ta' l-art de quo u ghalhekk jirrizulta stabbilit illi r-raba in kwistjoni kien ippervjena ghand l-atturi James u Edith konjugi Moore in forza ta' kuntratt tas-26 ta' April, 1996, fl-atti tan-nutar Dr. John Spiteri.

Kienu akkwistaw l-art de quo minghand is-socjeta' 'Wellington Holdings Limited" li minn naha taghha kienet akkwistat din l-art minghand socjeta' ohra bl-isem 'Unicor Property and Investment Company Limited' u dan in forza

ta’ kuntratt fl-atti tan-nutar Victor John Bisazza tas-17 ta’ Marzu,1976.

Din l-ahhar kumpanija kienet minn naha taghha akkwistat din l-art b’kuntratt tat-8 ta’ April, 1967, fl-atti tan-nutar Dr. Joseph Brincat u din kienet akkwistatha mill-poter ta’ Leslie Arden Blanchensee. Minn naha tieghu dan Blanchensee kien akkwista l-istess art fil-25 ta’ Mejju, 1966, mill-poter ta’ Domenic u Raymond ahwa Mintoff u Joseph Axiaq li minn naha taghhom kienu akkwistaw l-art fit-22 ta’ April, 1966 mill-poter ta’ Giuseppe Farrugia bin il-mejjet Andrea u Rosa nee’ Mangion imwieled u joqghod iz-Zurrieq.

Din il-provenjenza ezawrijenti tirrizulta ampjament mill-affidavit ta’ l-Onorevoli Imhallef Albert Magri pprezentat fil-15 ta’ Jannar, 2003, u munit bil-kopji legali tal-kuntratti relevanti msemmija fl-istess affidavit.

Minn naha taghhom il-konvenut u l-kjamat fil-kawza qeghdin jallegaw illi l-art in kwistjoni kienet giet fil-pussess taghhom permezz ta’ titolu ta’ qbiela stante lokazzjoni li kienet giet miftiehema minn Michelang Farrugia, missier il-konvenut, u s-sid ta’ dak iz-zmien, certu Giuseppi Farrugia, u li dan il-ftehim kien sar madwar hamsin (50) sena qabel ma xehed il-konvenut fl-2001 u ghalhekk kien sar ghall-habta tal-bidu tas-snin hamsin (50).

Jallegaw ukoll illi, mal-mewt ta’ missieru l-qbiela ghaddiet ghand il-konvenut Joseph Farrugia li ghall-habta tal-1976 ceda l-lokazzjoni lill-ibnu, l-kjamat fil-kawza Michelang Farrugia, bil-kunsens tas-sidien ta’ dak inhar. Konsegwentement il-kjamat fil-kawza jsostni illi huwa ghadu fil-pussess tar-raba in kwistjoni taht dak l-istess titolu ta’ qbiela li kien gie miftiehem bejn in-nannu tieghu Michaelang Farrugia u s-sid ta’ dak inhar Giuseppi Farrugia.

Ghalhekk jispetta lill-konvenut u lill-kjamat fil-kawza illi jippruvaw ghas-sodisfazzjonta’ din il-Qorti illi effettivament kien sar ftehim ta’ lokazzjoni bejn Michelang Farrugia

missier il-konvenut u s-sid ta’ l-istess ghalqa li fiz-zmien ta’ l-allegata lokazzjoni kien Giuseppi Farrugia.

Din il-prova tinvolvi bilfors prova li effettivament meta sar tali ftehim ma  Giuseppi Farrugia dan Giuseppi Farrugia kien effettivament is-sid tar-raba in kwistjoni u li din l-istess lokazzjoni baqghat tiggedded minn zmien ghal zmien u ghada valida sal-gurnata tal-lum.

Billi l-partijiet li allegatament kienu ghamlu dan il-ftehim tal-lokazzjoni jinsabu it-tnejn mejtin jew almenu ma setghux jixhdu f’dawn il-proceduri, l-grad tal-provi rikjest mill-konvenut u l-kjamat fil-kawza huwa iktar gholi minn dak li normalment huwa accettat u jrid ikun anke munit b’indijzji ohra illi jikkoroboraw l-allegazzjoni ta’ l-ezistenza ta’ l-istess ftehim.

Mill-istess affidavit ta’ l-Imhallef Dr. Albert Magri u mill-provenjenza ta’ l-art in kwistjoni kif inghad fil-kuntratt tat-22 ta’ April, 1966, jirrizulta illi l-venditur Giuseppi Farrugia kien wiret l-art in kwistjoni mal-mewt ta’ ohtu Margherita Farrugia li grat fit-22 ta’ Awissu, 1959.

Ghalhekk il-konvenut meta allega li l-ftehim kien sar mas-sid Giuseppi Farrugia ghall-bidu tas-snin hamsin (50) ma kienx preciz billi l-proprjeta’ kienet ipprevjenit ghand l-istess Giuseppi Farrugia fl-ahhar tas-snin hamsin(50).

Inoltre din in-nuqqas ta’ precizjoni gie ukoll ripetut meta l-konvenut jallega illi c-cessjoni tal-lokazzjoni lil ibnu, l-kjamat fil-kawza, grat erghba u ghoxrin (24) sena ilu, waqt li l-kjamat fil-kawza fid-depozizzjoni tieghu jallega li beda jahdem l-ghalqa in kwistjoni minn ghaxar (10) snin ilu.

Apparti illi d-dikjarazzjonijiet tal-kjamat fil-kawza u tal-konvenut wahedhom u minghajr ebda prova dokumentarja meta l-partijiet ghall-allegat ftehim jinsabu mejtin, ma kienux jikkostitwixxu prova li effettivament kien sar xi ftehim ta’ lokazzjoni, dawn l-inezaettezzi jkomplu jdghajfu dak li huma jridu jippruvaw f’din il-kawza.

Inoltre l-provi l-ohra li fuqhom iridu jistriehu huma dikjarazzjoni unilaterali ta’ xi antenat tal-konvenut u kjamat fil-kawza li minghajr l-adezjoni tas-sid irregistra lilu nnifsu mad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura bhala l-persuna li qed jahdem ir-raba, u deposizzjoni ta’ certu Michaelangelo Callus li ghalkemm allega illi Giuseppe Farrugia kien ikkonceda r-raba bi qbiela lill-missier il-konvenut huwa ddikjara illi dan kien qed jghidu mhux ghax ra xi kuntratt jew ghax jaf  li tithallas xi qbiela imma kien qed jghidu minn dak li kien jisma’.

Anke l-fatt li dan l-istess xhud jallega illi r-raba in kwistjoni kien jinhadem minn zmien ilu kif jippretendu l-konvenut u l-kjamat fil-kawza ma jzid xejn bhala prova ta’ xi ftehim ta lokazzjoni. Dan il-fatt huwa infatti kontradett kemm mill-attrici Edith Moore kif ukoll mill-Onorevoli Imhallef Albert Magri fl-avvidavit taghhom fejn it-tnejn isostnu illi meta accedew fir-raba in kwistjoni dan ir-raba kien mitluq u zdingat u jekk kien qed isir xi uzu minnu kien qed isir uzu tieghu bhala mansab.

Izda dak illi assolutament jgharraq l-allegazzjoni li qed jaghmlu l-konvenut u l-kjamat fil-kawza, huwa l-fatt illi ghalkemm jallegaw illi missier il-konvenut Giuseppe Farrugia kien effettivament ihallas qbiela lis-sid ta’ dak iz-zmien Giuseppe Farrugia, il-konvenut ma setghax jiftakar meta kien l-ahhar hallas il-qbiela, u l-anqas ma seta’ jghid f’liema perjodu kienet taghlaq din il-qbiela.

Il-kjamat fil-kawza minn naha tieghu allega illi l-ahhar li setghet thallset il-qbiela kien madwar tletin(30) sena qabel is-sena elfejn u tnejn (2002) u l-ircevuti illi pprezenta in sostenn ta’ hlas qabel elf disa’ mija tnejn u sebghin (1972) huma rcevuti illi jirreferu ghas-snin mill-elf disa’ mija tlieta u sebghin (1973) sa l-elf disa’ mija hamsa u tmenin (1985).

Inoltre anke dawn l-istess ircevuti ma setghux jirreferu ghar-raba in kwistjoni peress illi l-pagament fuqhom huwa ndikat li kien isir minn Saviour Zammit u kien qed isir lil certa Maria Farrugia illi f’dawk is-snin indikati qatt ma kienet sid ta’ raba in kwistjoni.

Ghaldaqstant dawn il-fatti u cirkustanzi kollha jservu biss biex din il-Qorti jkollha tiskarta bhala definittivament mhux ippruvata l-allegazzjoni tal-konvenut u l-kjamat fil-kawza li f'xi zmien dan ir-raba in kwistjoni seta' kien imqabbel lilhom jew lil xi antenat taghhom.

Inoltre, ezami tal-kuntratti kollha esebiti bhala prova tal-provenjenza tar-raba in kwistjoni minghand Giuseppi Farrugia sal-atturi odjerni jindika illi r-raba in kwistjoni kien dejjem qed jigi trasferit 'free and un encumbered' u f'ebda wiehed minn dawn il-kuntratti ma kien sar xi accenn ghal xi gabillot jew almenu ghal xi possessur, anke taht tolleranza, tar-raba in kwistjoni li kienet qed tinbiegh minn zmien ghal zmien.

Ghaldaqstant issib illi la l-konvenut u lanqas il-kjamat fil-kawza ma waslu biex jippruvaw xi titolu ta' lokazzjoni li fuqu setghu bbazaw il-pussess tar-raba in kwistjoni u ghaldaqstant tirrespingi l-eccezzjonijiet taghhom u konsegwentement tilqa' it-talba attrici u tordna lill-konvenut u lill-kjamat fil-kawza sabiex jizgombraw mill-ghalqa denominata 'Ta' Ras il-Qortin' limiti taz-Zurrieq, u ghall-fini ta' l-izgumbrament qed tipprefiggi terminu ta' xahar mill-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u l-kjamat fil-kawza in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------